MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2012

Talba Numru. 466/2004

**David Micallef esercenti l-kummerc**
**taht l-isem ta' Seagold Europe**
**Vs**
**Anthony Grima (K.I. 84161M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur jitlob lill-konvenut sabiex "thallas is-somma ta' tlett mija u sitta u disghin liri Maltin (LM396) [€922.68] rapprezentanti prodotti agrikolturali gja mibjugha u ikkonsenjati lilek mill-attur u liema somma hija ammont minn bilanc akbar u ghal liema somma inti kont gja ghaddejt cekk lill-attur u liema cekk ma setax jissarraf u gie mmarkat mill-bank bhala '*payment countermanded*' (Dok. DM1); bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment ma' din il-kawza u bl-imghax mit- 30 t' Ottubru, 2003.

Ra r-risposta fejn il-konvenut eccepixxa illi t-talba mitluba mill-attur nomine ghandha tigi michuda u dana peress illi l-prodott mibjugh mill-atturi nomine ma kienx tal-kwalita' pattwita u kkaguna hsarat kbar fil-prodott ta' l-esponenti u dan kif ser jirrizulta fil-mori ta' din il-kawza; illi l-eccipjenti qed jirrizervaw kull dritt spettanti lilhom skont il-ligi sabiex jipprocedu ghal talba tad-danni minnhom sofferti; bl-ispejjez.

Sema' x-xhieda ta' Angelo Gaimbra impjegat tal-attur; u t' Angelo Grima, l-konvenut, u Kristinu Grima prodott mill-konvenut;

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet ta' nhar is-7 ta' Mejju 2012 u ra l-verbal ta' nhar is-7 ta' Mejju 2012 fejn thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Mill-provi jirizulta s-segwenti: illi s-socjeta' attrici kienet bieghet prodotti ta' *organic fertilizers* kif ukoll ingenji uzati ghall-iskopijiet t'agrikoltura senjatament pompa tal-*water treatment unit*. Il-hlas ta' dawn kien f'diversi pagamenti ratejali li minhhom kien ghad fadal jithallas bilanc ta' tlett mija sitta u disghin liri antiki maltin LM396 (u cioe €922.43) li mitejn u hames liri antiki Maltin LM205 (€477.52) kien bilanc ta' prezz ta' fertilizant u LM191 (€444.91) kien ghall-makkinarju fuq imsemmi. Illi l-konvenuti kienu hallsu permezz ta' cekk datat 30 t'Ottubru 2003 (ara fol. 3) li ma giex onorat.

Min-naha taghhom il-konvenuti kkontestaw li m'ghandhomx jhallsu ghall-prodott lilhom mibjugh ghaliex ma kienx tal-kwalita' patwita w anzi kkaguna hsarat lill-prodotti taghhom.

Illi wara li nftehet din il-talba, fl-10 ta' Settembru 2004 il-konvenut, Anthony Grima u huh Chris Grima, fethu kawza ghad-danni fil-Qorti tal-Magistrati kontra l-attur tat-talba

odjerna (Avviz numru 488/04 CSH) u ghalhekk il-proceduri quddiem dan it-Tribunal gew differiti *sine die* sakemm ikun hemm ezitu fuq it-talba tal-konvenuti.

Illi b'rikors prezentat nhar il-25 ta' Frar 2010 gie mitlub illi din it-talba terga tigi riappuntata u ghalhekk din it-talba regghat bdiet tinstema'.

Illi gew prezentati zewg sentenzi fuq Avviz numru 488/04CSH fl-ismijet 'Anthony Grima u Chris Grima vs David Micallef ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Sea Gold Europe':
(i) Qorti tal-appell ippreseduta mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras deciza nhar il-Gimgha 12 ta' Gunju 2009 li trattat s-sentenza moghtija nhar is-17 ta' Frar 2009 mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. Consuelo Pilar Scerri Herrera li kienet sentenza fuq l-ewwel u t-tieni eccezzjoni;
(ii) Is-sentenza finali tal-Qorti tal-Magistrati quddiem il-Magistrat Dr. Consuelo Pilar Scerri Herrera deciza fil-15 ta' Dicembru 2009.

Il-Qorti tal-Magistrati preseduta minn Dr Consuelo Pilar Scerri Herrerra giet mitluba tikkundana lil David Micallef ihallas lil Anthony Grima u Chris Grima is-somma t' erba' t'elef mitejn u sebgha u ghoxrin liri antiki Maltin (LM4,247) (u cjoe €9892.85) rapprezentanti valur ta' merkanzija difettuza mixtrija mill-ahwa Grima konsistenti fid-distruzzjoni ta' diversi prodotti tar-raba', kawza ta' kimika difettuza li ntuzat mill-atturi (Anthony Grima u Chris Grima) wara li giet mixtrija minghand il-konvenut (David Micallef).

Illi dan fil-fatt gie kkontestat mill-attur tal-kawza odjerna:

> *1. Illi 'n linea preliminari, l-eccipjenti jecepixxi li huwa ma biegh xejn lill-attur Chris Grima msemmi fl-avviz w ghalhekk m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika mieghu.*
>
> *2. Illi 'n linea preliminari l-eccipjent jecepixxi li l-azzjoni hekk kif promossa mill-atturi, hija guridikament improponibbli, stante li filli l-atturi*

*qieghdin jitolbu refuzjoni ta' prezz ta' merkanzija u filli qieghdin jitolbu danni w ghalhekk japplika l-principju 'electa una via non datum recursus ad alteram' (**Angelo Fenech vs Paul Grech** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili per Imhallef J. R Micallef fl-erbgha w ghoxrin (24) ta' Settembru 2001).*

*3. Illi fil-mertu, l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija mibjugha u kkonsenjata mill-eccipjent lill-Anthony Grima, kienet tal-kwalita pattwita, tant illi l-eccipjent ittestja tali prodott ma persuni specjalizzati u rinomati f'dan is-settur u dawna kkonkludew li tali prodott huwa wiehed ta' kwalita ottima u dana hekk kif se jirnexxielu jipprova l-istess eccipjent waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.*

*4. Illi fil-mertu l-eccipjenti m'huwa risponsabbli ghall-ebda danni fil-konfront tal-atturi.*

*5. Illi fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gja moghtija, fi kwalsiasi kaz l-atturi jridu jipprovaw d-danni li huma sofrew.*

6. *Illi fil-mertu u fl-aghar ipotesi l-pretensjoni attrici hija wahda* eccessiva.

*7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif premessi fil-ligi.*

Illi fil-kaz tal-ewwel sentenza li giet appellata m'hemmx rilevanza ghat-talba *de quo* ghaliex titratta punti legali li m'ghandhomx x' jaqsmu mal-vertenza odjerna. Pero' s-sentenza finali mghotija nhar il-15 ta' Dicembru 2009 mill-Qorti tal-Magistrati hija mportanti ghat-talba odjerna ghaliex tidhol fil-meritu tal-kawza *de quo* u ghalhekk dan it-tribunal qara bir-reqqa s-sentenza mghotija.

Il-Qorti tal-Magistrati nhar il-15 ta' Dicembru 2009 (ara fol. 81) wara li kkunsidrat l-provi kolla migjuba quddiema ddikjarat is-segwenti:
***Illi ghalhekk il-konvenut (David Micallef) irnexxilu jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-prodott li biegh lill-attur kien fertilazzant tajjeb bin-nutrienti necessarji ghat-tkabbir tal-pjanti*** (emfazi mizjuda mit-Tribunal)

*L-attur min-naha l-ohra ma rnexxilux jipprova illi dan il-prodott kien differenti minn dak mahsub ghalih u li d-danni li huwa sofra kienu attribwilbli lill-prodott tal-konvenut. Ghalhekk it-tielet eccezjoni ma tistax tirrizulta.*

*Illi ghalhekk ir-raba' eccezzjoni li ssegwi t-tielet hija konsegwenzjali ghar-ragunijiet milqugha mill-Qorti u thoss li f'dawn ic-cirkostanzi verament il-konvenut mhux responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur.* ***Illi stante li din il-Qorti qed takkolji l-eccezzjoni li l-konvenut mhux responsabbli ghad-danni li sofra l-attur tiddikjara li m' hemmx danni x'tillikwida.***

***Ghalhekk il-Qorti filwaqt li tastjeni mill-ewwel zewg eccezzjonijet stante li dawn gew decizi mill-Qorti tal-Appell qieghda tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut li l-prodott mibjugh minnu lill-attur kien skont il-kwalita' pattwita u konsegwentament mhuwiex responsabbli ghad-danni li allegatament sofra l-istess attur. Tiddikjara li ghalhekk tichad it-talbiet attrici***

Illi din is-sentenza ma gietx appellata.

Illi t-Tribunal wara li ra l-provi kollha mressqa quddiemu inkluz x-xhieda tal-konvenut stess Anthony Grima (tal-31 ta' Jannar 2012) u ta' Kristinu Grima (14 ta' Marzu 2012) huwa tal-fehma l-ebda evidenza gdida ma tressqet mill-konvenut biex it-Tribunal jghaddi biex jirrevoka dak li gie deciz mill-Qorti tal-Magistrati u cjoe li l-prodott kien tal-kwalita' patwita. Ghalhekk ihoss illi fic-cirkostanzi m'hemmx raguni valida ghaliex il-konvenuti m'ghandhomx ihallsu s-somma mitluba fl-intier taghha.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici fis-somma ta’ liri antiki maltin tliet mija sitta u disghin (Lm396) cjoe disa’ mija u tnejn u ghoxrin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€922.43) bl-imghax jiddekori mit-30 t’Ottubru, 2003 sal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha kif mitluba fl-avviz ghandhom jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------